VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 45 tal-2017

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 54 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil tal-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftieħmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 549.77

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (4) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok iż-żewġ paragrafi li jibdew bil-kliem "L-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta f'anness" sal-kliem "għar-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali, fejn applikabbli." għandu jidħol dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta f'anness għall-kundizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-paragrafu (a) inkluż ir-riżultat tal-valutazzjoni u l-ġustifikazzjoni għall-kundizzjonijiet imposti.

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti b'konformità mal-paragrafu (a), madankollu, m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Iskeda għar-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali, fejn applikabbli.".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolament prinċipali.

3. Is-subregolament (2) tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Dawn li ġejjin għandhom jkunu meqjusa wkoll bħala li għandhom kompetenza fir-rigward tal-applikazzjoni tas-subregolament (1):

(a) l-awtorità responsabbli għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma fir-rigward tal-attivitajiet kollha fl-Iskeda 1 li jinvolvu l-attivitajiet imħarsa bil-leġislazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar ir-Regolalatur għas-Servizzi għas-Servizzi tal-Ilma u l-Enerġija;

(b) l-awtorità responsabbli mill-Agrikoltura, Servizzi Veterinarji u Sajd fir-rigward tal-attivitajiet 6.4, 6.5 u 6.6 fl-Iskeda 1, u kwalunkwe attività għar-rimi jew l-irkupru ta' prodotti sekondarji tal-annimali;

(ċ) l-awtorità responsabbli għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur fir-rigward tal-attivitajiet 1.2, 1.3, 2.1, 2.5, 2.6, 3.1, 3.2, 3.3, 3.4, 4, 6.7 u 6.10 fl-Iskeda 1;

(d) l-awtorità responsabbli mill-Protezzjoni Ċivili fir-rigward tal-attivitajiet kollha fl-Iskeda 1;

(e) l-awtorità responsabbli mis-Saħħa Ambjentali rigward l-attivitajiet kollha fl-Iskeda 1;

(f) l-awtorità responsabbli għat-Trasport f'Malta fir-rigward ta' attivitajiet li jinvolvu r-rilaxx ta' fluwidi skartati tal-kummerċ fil-portijiet;

(g) l-awtorità responsabbli ghas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol fir-rigward ta' attivitajiet koperti bir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Incidenti Kbar;

(h) l-awtorità responsabbli għall-attivitajiet kollha imniżżla fl-Iskeda 1 li jinvolvu minerali u attivitajiet oħrajn regolati bil-liġijiet imsemmija fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar ir-Regolalatur għas-Servizzi għas-Servizzi tal-Ilma u l-Enerġija;

(i) ir-regolatur responsabbli għall-protezzjoni tal-ilma tal-pjan b'konnessjoni ma' attivitajiet li jinvolvu l-użu tal-ilma tal-pjan u l-awmentazzjoni tal-ilma tal-akwifer.".

Jemenda l-Iskeda 4 li tinsab mar-regolament prinċipali.

4. Is-subparagrafu (a) tal-paragrafu 1 tal-Iskeda 4 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-applikazzjoni għal permess jew, skont kif ikun il-każ, il-proposta għall-aġġornament ta' permess jew tal-kondizzjonijiet ta' permess skont ir-regolament 15, inkluża d-deskrizzjoni tal-elementi elenkati fir-regolament 5(1);".